



Dokument ta' sessjoni

A9-0034/2024

8.2.2024 ******* |

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/12/KE, 2009/33/KE u (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u tal-avjazzjoni (COM(2023)0592 – C9-0387/2023 – 2023/0362(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jan-Christoph Oetjen

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura
Ivan Vilibor Sinčić, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

(Proċedura simplifikata – Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	8
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	9
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	10
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	14

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/12/KE, 2009/33/KE u (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u tal-avjazzjoni (COM(2023)0592 – C9-0387/2023 – 2023/0362(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0592),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 91, 100(2) u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0387/2023),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi ġuridika proposta,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023¹
 - wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 40 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0034/2024)
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ [ĠU C 0, 0.0.0000, p. 0. / Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali].

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jitnaqqsu l-pizizzjiet amministrattivi u tiġi razzjonalizzata l-iskeda tar-rapportar, jixraq li l-frekwenza tar-rapportar tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/33/KE titnaqqas u tiġi allinjata bis-sħiħ mal-perjodi ta' referenza ta' 5 snin previsti f'dik id-Direttiva. Peress li r-rapportar tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jibni fuq ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi adattata wkoll il-frekwenza ta' dak ir-rapportar.

Emenda

(6) Sabiex jitnaqqsu l-pizizzjiet amministrattivi u tiġi razzjonalizzata l-iskeda tar-rapportar, jixraq li l-frekwenza tar-rapportar tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/33/KE titnaqqas u tiġi allinjata bis-sħiħ mal-perjodi ta' referenza ta' 5 snin previsti f'dik id-Direttiva. ***Minħabba din il-bidla fil-frekwenza tar-rapportar, ma għadux xieraq li jiġi previst li tali rapportar jakkumpanja r-rapporti msemmija fl-Artikolu 83(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/24/UE, fl-Artikolu 99(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/25/UE, li t-tnejn jipprevedu rapportar ta' tliet snin.*** Peress li r-rapportar tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jibni fuq ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi adattata wkoll il-frekwenza ta' dak ir-rapportar.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Id-Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(1) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
“Sat-18 ta' April 2026, u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni.”;

Emenda

(1) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Sat-18 ta' April 2026, u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni. ***Dawk ir-rapporti għandu jkun fihom informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, dwar attivitajiet ta'***

implimentazzjoni futuri, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jqis rilevanti. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll in-numru u l-kategoriji tal-vetturi koperti mill-kuntratti msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata abbażi tal-kategoriji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Deċiżjoni *hija indirizzata lill-Istati Membri.*

Emenda

Din id-Deċiżjoni *għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta attwali għal Regolament (2023/0362(COD)) flimkien ma' proposta oħra għal Deċiżjoni (2023/0361(COD)) jemendaw b'kolli 4 direttivi eżistenti u 3 regolamenti eżistenti bħala parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Il-proposti għandhom l-għan li jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-partijiet ikkonċernati, speċifikament l-awtoritajiet pubbliċi u l-Kummissjoni fil-qasam ta' politika tat-trasport bit-triq u l-avjazzjoni.

Filwaqt li r-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-infurzar korrett u l-monitoraġġ xieraq tal-leġiżlazzjoni, dawn jistgħu wkoll jiġu bi spiża għall-partijiet ikkonċernati. Fl-istess ħin, l-esperjenza bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kif ukoll l-iżviluppi organizzattivi u teknoloġiċi jistgħu jagħmlu xi rekwiżiti ta' rapportar bħala skaduti, superfluwi jew mhux daqstant ta' benefiċċju.

L-eżerċizzju attwali ta' rieżami u eliminazzjoni ta' tali rekwiżiti ta' rapportar mhux meħtieġa huwa milqugħ mill-Parlament. Il-Kunsill ikkunsidra u laqa' wkoll iż-żewġ proposti b'xi aġġustamenti tekniċi żgħar li jistgħu jtejbu t-test. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta attwali lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) fil-Parlament Ewropew matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Jannar 2024. Huwa approva wkoll il-korrezzjonijiet żgħar li ppropona l-Kunsill. Abbażi tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll tad-diskussjonijiet informali mal-Kunsill, ir-Rapporteur jissuġġerixxi fl-abbozz ta' rapport tiegħu li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata bit-tliet emendi inkorporati, f'konformità mal-proċedura simplifikata (l-Artikolu 52(2)).

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

25.1.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Is-Sinjura Karima Delli
President tal-Kumitat TRAN
SPINELLI 08G305
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Proposta għal deċiżjoni li temenda d-Direttivi 2009/12/KE, 2009/33/KE u (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u tal-avjazzjoni (2023/0362(COD))

Sur President,

Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat proposta leġislattiva biex temenda diversi Direttivi, inkluża d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Fl-20 ta' Novembru 2023, il-koordinaturi tal-Kumitat ENVI ddeċidew li jipprovdu opinjoni dwar il-proposta leġislattiva fil-forma ta' ittra. Sussegwentement, il-Kumitat ENVI eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024 u adotta din l-opinjoni matul l-istess laqgħa¹.

Id-Direttiva 2009/33/KE tistabbilixxi miri minimi għall-akkwist ta' vetturi nodfa, espressi bħala perċentwali minimi ta' vetturi nodfa fl-għadd totali ta' vetturi tat-trasport bit-triq koperti minn kuntratti mogħtija matul żewġ perjodi ta' referenza. Fir-rigward tad-Direttiva 2009/33/KE, il-

¹ Il-Membri li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pascal Canfin (President), Bas Eickhout (Viċi President), Anja Hazekamp (Viċi President), César Luena (Viċi President), Mazaly Aguilar, Catherine Amalric, Maria Arena, Katarina Barley, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Michael Bloss, Daniel Buda, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Asger Christensen, Christophe Clergeau, Nathalie Colin-Oesterlé, Ana Collado Jiménez, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzi, Marie Dauchy, Matthias Ecke, Pietro Fiocchi, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Martin Häusling, Martin Hojsík, Jan Huitema, Peter Jahr, Karin Karlsbro, Ska Keller, Billy Kelleher, Petros Kokkalis, Danilo Oscar Lancini, Esther de Lange, Peter Liese, Javi López, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Thierry Mariani, Lydie Massard, Sara Matthieu, Liudas Mažylis, Nora Mebarek, Dace Melbārde, Marina Measure, Silvia Modig, Dolores Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Margarita de la Pisa Carrión, Jessica Polfjård, Stanislav Polčák, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, Frédérique Ries, Manuela Ripa, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Sara Skyttedal, Michaela Šojdrová, Maria Spyraiki, Edina Tóth, Achille Variati, Idoia Villanueva Ruiz, Petar Vitanov, Thomas Waitz, Mick Wallace, Jörgen Warborn, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová u Stefania Zambelli.

Kummissjoni tipproponi li titnaqqas il-frekwenza tar-rappurtar tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/33/KE minn kull tliet snin għal kull ħames snin.

Il-Kumitat ENVI jaqbel mar-raġunament tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2009/33/KE. Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jirrapportaw data dwar l-akkwist ta' vetturi nodfa kull ħames snin, wara kull perjodu ta' referenza, huwa ġġustifikat. Il-proposta għandha l-għan li timminimizza l-frekwenza tar-rappurtar biex b'hekk ittaffi l-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Meta pproponiet emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/33/KE, il-Kummissjoni ffukat fuq il-modifika tal-ewwel sentenza, li tfittex li tissostitwixxi t-terminu "tlieta" b' "ħames" snin. Madankollu, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, jidher li jeżisti allinjament ħażin temporali fit-tieni sentenza tal-istess paragrafu. Il-formulazzjoni lingwistika attwali teżiġi li r-rapport li jakkumpanja dawn id-direttivi jallinja mar-rapporti ġġenerati taħt żewġ direttivi oħra, li jistipulaw ċiklu ta' rappurtar ta' tliet snin. Fil-kuntest, għandu jsir l-aġġustament tekniku li ġej għall-Artikolu 2 tal-Proposta tal-Kummissjoni:

“Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2009/33/KE

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/33/KE huwa emendat kif ġej:

(1) ~~fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza~~ hija sostitwita b'dan li ġej:

“Sat-18 ta' April 2026, u kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk ~~ir-rapporti għandhom jakkumpanjaw ir-rapporti previsti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 83(3) tad-Direttiva 2014/24/UE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 99(3) tad-Direttiva 2014/25/UE, u għandhom~~ jinkludu informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu biex titwettagħ din id-Direttiva, attivitajiet ta' implimentazzjoni futuri, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jikkunsidra rilevanti. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll in-numru u l-kategoriji tal-vetturi koperti mill-kuntratti msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata abbażi tal-kategoriji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.”

(2) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Sat-18 ta' April 2027, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li jispeċifika l-miżuri meħuda mill-Istati Membri f'dan ir-rigward, wara r-rapporti msemmija fil-paragrafu 2.”

Barra minn hekk, f'konformità mal-bidla ta' hawn fuq, il-premessa 6 tal-Proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi emendata kif ġej:

“Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiġi razzjonalizzata l-iskeda tar-rapportar, jixraq li l-frekwenza tar-rapportar tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/33/KE titnaqqas u tiġi allinjata bis-sħiħ mal-perjodi ta' referenza ta' ħames snin previsti f'dik

id-Direttiva. *Minħabba din il-bidla fil-frekwenza tar-rapportar, ma għadux xieraq li jiġi previst li tali rapportar jakkumpanja r-rapporti msemmija fl-Artikolu 83(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/24/UE, fl-Artikolu 99(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/25/UE, li t-tnejn jipprevedu rapportar ta' tliet snin.* Peress li r-rapportar tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jibni fuq ir-rapporti nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi adattata wkoll il-frekwenza ta' dak ir-rapportar.”

Jekk il-Kunsill jagħżel li jemenda dawn il-partijiet tal-proposta b'mod differenti, il-Kumitat ENVI jinsisti li jkun involut matul in-negozjati interistituzzjonali.

Dejjem tiegħek,

Pascal Canfin

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Direttivi 2009/12/KE, 2009/33/KE u (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u tal-avjazzjoni			
Referenzi	COM(2023)0592 – C9-0387/2023 – 2023/0362(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	17.10.2023			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 18.1.2024			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 18.1.2024	ENVI 18.1.2024	IMCO 18.1.2024	REGI 18.1.2024
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ECON 25.10.2023	IMCO 25.10.2023	REGI 23.10.2023	
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 18.1.2024			
Rapporteurs Data tal-ħatra	Jan-Christoph Oetjen 30.10.2023			
Rapporteurs preċedenti	Karima Delli			
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni	23.1.2024			
Eżami fil-kumitat	23.1.2024			
Data tal-adozzjoni	6.2.2024			
Data tat-tressiq	9.2.2024			